

**Dispożittiv**

L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) u l-Artikolu 16(1)(a) tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) għandhom jiġu interpretati fis-sens li għandu jinżamm provviżorjament fis-seħħ obbligu legali sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għat-tariffi għall-provvista ta' servizzi ta' telefonija bil-voċi applikati fil-konfront tal-klijenti aħħarin minn impriżi li għandhom pożizzjoni dominanti f'dan is-suq kif previst fl-Artikolu 25 tal-liġi dwar it-telekomunikazzjoni (Telekommunikationsgesetz) tal-25 ta' Lulju 1996, stabbilita mid-dritt nazzjonali qabel il-kwadru regolatorju ġdid, kif ukoll l-atti amministrattivi li jikkonfermaw n-natura obligatorja ta' l-awtorizzazzjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU C 212, 2.9.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Diċembru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht — Il-Ġermanja) — Ursula Voß vs Land Berlin**

(Kawża C-300/06) (<sup>1</sup>)

(Artikolu 141 KE — Prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa — Uffiċjali pubbliċi — Xogħol matul sghat supplimentari — Diskriminazzjoni indiretta kontra ħaddiema nisa impjegati part time)

(2008/C 22/16)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Ursula Voß

Konvenut: Land Berlin

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 141 tat-Trattat KE — Leġislazzjoni nazzjonali li ttiprovdi, kemm fir-rigward tal-ħaddiema full time kif ukoll fir-rigward ta' daww part time, tnaqqis fir-remunerazzjoni għas-sghat supplimentari meta mqabbla ma' dik imħallsa għall-ħin normali tax-xogħol — Remunerazzjoni ta' għalliem, li huwa uffiċjal pubbliku u li jaħdem part time, u li barra minn hekk jaħdem sghat supplementari, li hija inqas minn dik imħallsa għall-istess numru ta' sghat

ta' xogħol fil-kuntest ta' impjieg full time — Diskriminazzjoni indiretta kontra ħaddiema nisa

**Dispożittiv**

Konsegwentement, jeħtieġ li r-risposta għad-domanda magħmula tkun li l-Artikolu 141 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi leġislazzjoni nazzjonali fir-rigward tar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali pubbliċi li, minn naħa, tiddefinixxi s-sghat supplimentari maħduma kemm mill-uffiċjali pubbliċi impjegati full time kif ukoll minn daww impjegati part time bħala sghat li huma jaħdmu iktar mill-ħin normali tax-xogħol tagħhom u li, min-naħa l-oħra, ttiprovdi li r-remunerazzjoni għal dawn is-sghat għandha tkun skond rata inqas mir-rata fis-siegħa applikata għas-sghat maħduma sal-limitu tal-ħin normali tax-xogħol ta' individwu, b'mod li l-uffiċjali pubbliċi part time huma mħallsa inqas tajjeb mill-uffiċjali pubbliċi full time għal dak li jikkonċerna s-sghat li jaħdmu iktar mill-ħin normali tax-xogħol tagħhom u sal-limitu ta' sghat li huwa obligat jaħdem uffiċjal pubbliku full time fil-ħin normali tax-xogħol tiegħu, fil-każ li:

— fost il-ħaddiema kollha suġġetti għal-leġislazzjoni in kwistjoni, huwa affettwat perċentwali kunsiderevolment ikbar ta' ħaddiema nisa milli rġiel;

u

— id-differenza fit-trattament mhijiex iġġustifikata minn fatturi oġġettivi li mhumix relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

(<sup>1</sup>) ĠU C 96 tat-22.4.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Novembru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil — Spanja) — Alfredo Nieto Nuño vs Leonci Monlleó Franquet**

(Kawża C-328/06) (<sup>1</sup>)

(Trade marks — Direttiva 89/104/KEE — Artikolu 4(2)(d) — Trade marks “magħrufa sew” fi Stat Membru fis-sens ta' l-Artikolu 6 bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi — Konozzjoni tat-trade mark — Estensjoni ġeografika)

(2008/C 22/17)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Alfredo Nieto Nuño

Konvenut: Leonci Monlleó Franquet